SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 05/KA2/14

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 25/11/14** **46**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 25/11/14** **56**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 19/11/'13** **04**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00p.m.

1.03 Preżenti:
Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio
Il-Viċi Ċermen Michael La Rosa
Il-Membru Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati: (1) - Is-Sindku Peter Bonello

1.05 Assenti: (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-19 ta' Novembru 2014. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Mistoqsijiet (Ref No. 1/2014)
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 04/KA2/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio ssekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P403 & KA0141 | Talba mingħand il-Vivaldi Hotel sabiex issir rampa quddiem il-Hotel. |
| P458 & P478 | Talbiet għal stands tal-ikel f'Paceville. |
| P459 | Email mingħand it-Transport Malta dwar l-istruttura fuq bankina fi Triq Wilġa k/m Triq il-Knisja. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P403 & KA0141**

2.02 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Vivaldi Hotel sabiex issir rampa quddiem il-Hotel. Ġie deċiż unanimament li:-

a) Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jkollhom il-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet kompetenti.

b) Li x-xogħolijiet isiru għas-spejjez tagħhom u li ma jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti / pubbliku.

2.03 Il-Membru Michael La Rosa wasal fis-2.10p.m.

**Rif. Nru. P458 & P478**

2.04 Saret riferenza għat-talbiet għal stands tal-ikel f'Paceville. Il-Kumitat ġie infurmat li saret talba lill-Avukat tal-Kunsill sabiex issir laqgħa miegħu.

2.05 Ġie diskuss li jekk huwa possibbli l-laqgħa ma' l-Avukat issir wara d-9 ta' Diċembru 2014 jew mill-aktar fis possibbli.

2.06 Ġie deċiż unanimament li għalissa ma jinħareġ l-ebda permess sakemm jingħata l-parir legali. Għalhekk f'dan l-istadju jiġu nfurmati l-klijenti li għamlu t-talbiet tagħhom li għalissa mhux ser jinħareġ l-ebda permess sakemm il-Kumitat Amministrattiv Paceville jingħata parir legali.

**3 Mistoqsijiet (Ref. No. 1/2014)**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat bil-mistoqsijiet li l-amministrazzjoni irċeviet mingħand il-Membru Joe Oliva (Ara Appendiċi 'A') u bir-risposti (Ara Appendiċi 'B – F').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv, għal punt ta' korrezzjoni, ikkjarifikat il-mistoqsija nru.1 u nfurmat lill-Kumitat li ma kienx minnu li qalet *'Secretary told me they dont know to whom it belongs'*.

3.03 B'riferenza għal-Appendiċi 'B', din il-korrispondenza għandha tintbagħat lill-Fr. Mario Abela , il-Pirjol & Fr. Hillary Talgliaferro - Millennium Chapel) u tingħata ġimgħa żmien biex jiġi rranġat il-kaptell.

**4 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Kunsill, permezz ta' fondi mir-Reġjun Ċentru, rranġa parti mit-Triq Santa Rita (Ara Appendiċi 'G').

4.02 L-ikla tal-Millied ser issir nhar il-Hamis 8 ta' Jannar 2015 fin-12.30p.m. ġewwa l-Avenue Restuarant.

**5** **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'H').

5.02 Il-Membru Richard Scicluna ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio ssekondah.

5.03 Din il-mozzjoni għaddiet għall-vot fejn il-Membru Joe Oliva astjena filwaqt li l-Membri l-oħra qablu mal-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

**6** **Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li nħarġu l-works orders għal dawk il-'Purchase Request Sheets' li kienu 'on hold' .

6.02 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 307 sa nru. 315 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

6.03 Il-Membru Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn nru. 307 sa nru. 315.

6.04 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

6.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.06 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 2 ta' Dicembru fis-6.00 p.m. u ta' Jannar ser issir fis 27 ta' Jannar 2015 fis-2.00 p.m.

6.07 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00 p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**